L-UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

MALTA

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

*Dipartiment għall-Gvern Lokali* *Department for Local Government*

Ref. Tagħna: LCD 13/1994/XII, DLG 2/2010

17 ta' Frar 2010

Lis-Sindki, Viċi Sindki,
Kunsillieri Lokali u
Segretarji Eżekuttivi
Kunsilli Lokali

**MEMO 34/2010**

**AVVIŻ LEGALI DWAR IR-REGOLAMENTI TAL-2010 LI JEMENDAW IR-REGOLAMENTI DWAR KUMITATI AMMINISTRATTIVI GĦAL KOMUNITAJIET.**

Kif tafu l-Att li Jemenda l-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Att Nru XVI tal-2009) jinkludi l-emendi leġislattivi l-ġodda dwar it-twaqqif ta' Kumitati Amministrattivi għall-Komunitajiet. Id-Dipartiment qiegħed jiġbdilkom l-attenzjoni għal Avviż Legali **82 tal-2010** dwar ir-Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kumitati Amministrattivi għal Komunitajiet ippubblikat fis-16 ta' Frar 2010 li jipprovdi fost l-oħrajn għall-ewwel elezzjonijiet li ser isiru fis**-27 ta' Marzu, 2010.**

Il-punti prinċipali ta` dawn ir-regolamenti huma:

- Il-membri tal-Kumitat Amministrattiv għandhom jiġu eletti mir-residenti reġistrati fit-toroq tal-Komunità li għaliha tkun qegħda ssir l-elezzjoni.
- Il-Kummissjoni Elettorali jkollha s-setgħa li tiddeċiedi dwar kull ħaġa jew li tieħu dawk il-miżuri li jidhrilha xierqa fil-każ ta' xi diskrepanza bejn dawn ir-regolamenti u d-dispozizzjonijiet tat-Tielet Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, jew f'dawk iċ-ċirkostanzi oħra li ma jinkwadrawx taħt dawn ir-regolamenti.
- Ikunu eliġibbli biex jivvotaw u jikkontestaw l-elezzjoni dawk biss li jkunu reġistrati fir-Reġistru Elettorali u li jkunu joqogħdu fit-toroq f'dik il-Komunità. Dan japplika ukoll għal dawk il-persuni li jissekondaw il-kanditatura.

L-Avviż Legali hawn fuq imsemmi jista` jinkiseb billi wieħed jidħol fil-*website* tad-Dipartiment tal-Informazzjoni (http://www.doi.gov.mt) u jidħol fuq *Acts, Bills and Legal Notices* u jmur direttament fuq *Legal Notices.*

Junelle Galea
Assistenta Personali/Taqsima Legali
Ghad-Direttur Gvern Lokali

Kopji: Segretarju Parlamentari għal Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni, Uffiċċju tal-Prim Ministru
Kelliemi Ewlieni tal-Oppożizzjoni għall-Gvern Lokali
Segretarju Permanenti *(ITSD)*, Uffiċċju tal-Prim Ministru
Segretarju Privat tal-Prim Ministru, Uffiċċju tal-Prim Ministru
Direttur Ġenerali (Informazzjoni, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika), Uffiċċju tal-Prim Ministru
Awditur Ġenerali
Ombudsman
President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
President, Assoċjazzjoni Segretarji Eżekuttivi Kunsilli Lokali (Malta)

26 TRIQ L-ARĊISQOF, VALLETTA VLT 1443
TEL: 21 226534-6 FAX: 21 224904